15 ta' Lulju 2019

*Dr Joseph Muscat*
*Prim Ministru*
*Berġa ta' Kastilja*
*Il-Belt Valletta*

Onor. Prim Ministru,

Nhar il-Ħamis li għadda l-Ministru Carmelo Abela ħabbar li l-Gvern Malti ser ikun qiegħed iniedi inkjesta pubblika dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Il-Ministru Abela ħabbar ukoll li l-Gvern Malti ser ikun qiegħed iniedi din l-inkjesta pubblika fl-iskadenza stabbilita mill-Kunsill tal-Ewropea u ċjoè dik ta' tliet xhur.

Dawn il-kummenti saru wara li laħqu għaddew ġimgħat u xhur sħaħ mill-pubblikazzjoni tar-rapporti tal-Kummissjoni Venezja ta' nhar is-17 ta' Diċembru 2018 u tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa ta' nhar is-26 ta' Ġunju 2019 kif ukoll wara sejħiet pubbliċi biex isir hekk mill-familja Caruana Galizia, mis-soċjetà ċivili u mill-Oppożizzjoni.

Ippermettili nfakkrek li lura f'Ottubru 2018, f'isem l-Oppożizzjoni kont ressaqt mozzjoni fil-Parlament sabiex jinħatar Bord ta' Inkjesta dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, skont l-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta) u li jkun għal kollox indipendenti mill-Korp tal-Pulizija u mill-Gvern. Fost oħrajn il-mozzjoni kienet titlob li l-Bord ta' Inkjesta jeżamina:

1. Jekk l-awtoritajiet ta' pajjiżna kienux jafu, jew kellhomx ikunu konxji ta' riskju reali u immedjat għall-ħajja tal-ġurnalista Daphne Caruna Galizia; u
2. Jekk il-miżuri li ħadu l-awtoritajiet ta' pajjiżna kenux adegwati biex jipproteġu l-ħajja tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia minn dak ir-riskju.

L-istess mozzjoni kienet tagħmilha ċara wkoll li l-Bord ta' Inkjesta għandu jkun kompost minn dak in-numru ta' persuni magħrufa għall-integrità u l-onestà tagħhom, b'wieħed minnhom iservi bħala *Chairman*, maħtura mill-Prim Ministru wara riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkollha favur tagħha l-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra. Qiegħed nehmeż kopja tal-imsemmija mozzjoni ma' din il-korrispondenza.

Minkejja r-rieda t-tajba u d-disponnibilità da parti tal-Oppożizzjoni, il-Gvern kien għażel li jemenda din il-mozzjoni b'tali mod li ma tkunx imnedija inkjesta pubblika iżda minflok intilef f'tiħfir lilu nnifsu filwaqt li jirrimanda dan il-pass tant meħtieġ għal żmien ieħor li s'issa baqa' mhux stabbilit.

Fil-fehma tiegħi u tal-Oppożizzjoni, il-Gvern Malti qiegħed imur kontra l-interess nazzjonali u qed jippersisti fil-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-familja Caruana Galizia kif garantiti mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

Għalhekk qiegħed niktiblek sabiex mill-gdid nenfasizza miegħek il-ħtieġa urġenti li tiġi mnedija inkjesta pubblika u indipendenti dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Huwa fl-interess nazzjonali ta' pajjizna li l-fatti kollha jigu migbura , registrati u mgharbla. Ghax hemm bzonn li tigi stabbilita l-verita shiha.

Ghal dan l-Oppożizzjoni hija preparata li l-Parlament ma jaġġornax għad-data li diġà tħabbret u ċjoè dik tas-7 ta' Ottubru 2019 u minflok jibqa' jiltaqa' matul il-jiem u l-ġimgħat li ġejjin sabiex il-Kamra tkun tista' tiddiskuti u tivvota dwar mozzjoni jew ligi li tistabilixxi il-ħatra ta' inkjesta pubblika u indipendenti dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia.

Inselli għalik,

*Adrian Delia*
*Kap tal-Oppożizzjoni*